# GRAZ, Austria

**INŻURU:** Vienna, Graz, Klagenfurt, Velden, Hallstatt, Leoben, Lugrotte Caves, Riegesburg Castle, Zotter Chocolate Factory...

**GRUPP A:** 05 – 11 ta' Ġunju
**GRUPP B:** 11 – 17 ta' Settembru

## IT-TNEJN
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-05:15 għat-titjira KM514 li titlaq fis-07:10 u tasal **Vienna** fid-09:30. Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' din il-belt tal-Valtzi, fejn ser ikollna **city tour** ma' gwida tal-lokal biex niskopru l-ġmiel ta' ħafna postijiet storiċi bħal Belvedere Palace, Rathaus, Parlament, il-bini maestuż tar-Ringstraße, Hofburg Palace u St. Stephen's Cathedral. Wara ħin liberu biex kulħadd ikollu ċans ikompli jgawdi din il-belt storika. Wara transfer lejn **Graz** fejn ikollna akkomodazzjoni ġewwa Hotel Mercure fiċ-ċentru 4 Star.

## IT-TLIETA
Breakfast, u wara tluq lejn ir-reġjun ta' Carinthia fejn se nżuru l-belt kapitali tar-reġjun, **Klagenfurt.** Ikollna city tour biex naraw l-aktar attrazzjonijiet turistiċi tal-belt li għandha madwar 135,000 abitant. Fost l-oħrajn naraw Neuer Platz, Landhaus, il-katidral u triqat antiki tipikament Awstrijaċi. Wara jkollna ħin liberu għall-ikel (extra) u xiri ta' souvenirs. Inkomplu lejn il-**Mini Mundus** (ent. Fee extra) li jinsab mal-lag Worth li hu wieħed mill-isbaħ lagi fl-Awstrija. Il-Mini Mundus hu park li fih insibu madwar 140 mudell fiċ-ċokon ta' palazzi u attrazzjonijiet oħra minn kull parti tad-dinja. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa Veldan fejn nieqfu għal sightseeing tgawdu l-ġmiel ta' Lake Worth. Nirritornaw lura l-hotel.

## L-ERBGĦA
Wara l-breakfast illum ikollna **city tour** ta' Graz - belt mill-isbaħ b'ċentru storiku rinomat mill-UNESCO. Fiż-żjara tagħna naraw fost oħrajn il-Parlament, Hauptplatz, Burg Theatre u l-Glockenspiel. Fuq in-naħa l-oħra tax-xmara Mur insibu l-Kunsthaus u l-gzira żgħira u bini modern li jsaħħrek. Wara nistednuk tiġi magħna fuq Schlossberg għal ftit xenarju panoramiku tal-belt. Ħin liberu għax-xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-hotel.

## IL-ĦAMIS
Skopri magħna l-villaġġ ta' **Hallstatt**, meqjus bħala World Heritage Site mill-UNESCO. Hallstatt hu villaġġ Awstrijak li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħi. Flimkien mat- tour leader nagħmlu dawra mal-post fejn naraw il-knisja ddedikata lil Santa Marija, kif ukoll il-Beinhaus - Bone House (dħul extra). Min irid jista' jirkeb il-ferrovija biex inżuru l-eqdem Salt Mine fid-dinja (dħul extra), minn hawn fuq naraw panorama sabiħa tal-lag Hallstatter. Ikollna opportunita' li naraw il-kastell Muhlbach. Imma ma tistax tgħid li mort Hallstatt jekk ma tmurx lake cruise (extra). Hemmhekk tkunu tistgħu tirrilassaw waqt li tgawdu l-ġmiel tan-natura.

## IL-ĠIMGĦA
Illum nesploraw Leoben fejn naraw bini storiku u xenarju naturali f'din il-belt ċentrali Awstrijaka. **Leoben** jinsab fuq xmara fil-Wied ta' Mur, imdawwar b'bellezza ta' xenarju. Il-belt kienet ċentru importanti għall-industriji tal-ħadid mill-Medju Evu u hija ċentru għal birra popolari. Inżuru l-pjazza ewlenija fejn naraw bini ippreservat tajjeb li jmur lura għas-seklu 13, Hacklhaus u naraw il-kurċifiss Romanesk tas-seklu 13 ġewwa l-knisja ta' San Saverju. Inkomplu lejn **Lurgotte Caves** li jinsabu madwar 25 kilometru fit-tramuntana ta' Graz, fejn insibu l-akbar għar tal-ilma attiv tal-Awstrija u nesploraw dinja stramba taħt l-art mimlija formazzjonijiet. Matul il-mawra ta' 70 minuta, nesperjenzaw ukoll spettaklu ta' dawl mill-isbaħ akkumpanjat minn mużika klassika li tirrappreżenta battalja bejn it-tajjeb u l-ħażin(dħul extra).Titilfuhiex!



**7** T'IJIEM

MINN € **930** KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI NKLUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €980 | €930 |
| Kamra żewġ persuni | €980 | €930 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,080 | €1,030 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €850 | €800 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal-Air Malta; Malta – Vienna- Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, cable cars eċċ mhux inklużi)
- 6 iljieli Hotel Mercure Graz 4 star
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

## IS-SIBT
Eskursjoni mill-isbaħ li teħodna sal-**Kastell ta' Riegersburg,** kastell medjevali li jinsab fuq vulkan rieqed fuq il-belt ta' Riegersburg fl-istat Awstrijak ta' Styria. Il-kastell huwa proprjetà tal-Familja Prinċiparja ta' Liechtenstein u fih mużew b'wirjiet li jinbidlu. Il-Kastell ta' Riegersburg jinsab f'għoli ta' 450m (dħul extra).Wara mmorru **'Zottre Chocolate Factory'** (dħul extra),esperjenza biex naraw kif issir iċ-ċikkulata. Int tkun tista' wkoll idduq madwar 300 ċikkulata klassika kif ukoll mhux tas-soltu, pralini u bonbons fil-ħafna stazzjonijiet ta' tidwiq kreattiv.

## IL-ĦADD
Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' **Vienna** sabiex isir check in għat-titjira KM515 li ttir fl-10:40 u naslu lura Malta fin-12:55